MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 173/2000/1

Seduta tat-30 ta' Lulju 2003

Miriam Fenech u Anthony u Georgina konjugi Fenech

-vs-

Redeemer Galea

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-attrici Miriam Fenech fid-19 ta' Frar 2000 ghall-habta tan-12.30am kienet qeghdha ssuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 143 tat-tip Citroen Saxo, proprjeta' ta' l-atturi l-ohra Anthony u Giorgina konjugi Fenech bi speed moderat u bid-diligenza kollha minnha rikjesta mil-ligi u

kienet niezla mit-triq ir-Repubblika, Rabat Ghawdex u sejra ghad-dritt ghad-direzzjoni tax-Xewkija, Ghawdex.

Illi l-konvenut kien qieghed isuq vettura tat-tip Ford Escort (numru ta’ registrazzjoni KBB 343) bi traskuragni grassa imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u kien tiela’ minn Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex li hija triq sekondarja ghat-triq ir-Repubblika li hija triq principali, u pproceda biex jaqsam Triq ir-Repubblika minghajr ma zamm a proper look out ghall-vetturi li kienu telghin u nezlin fl-istess triq principali bil-konsegwenza li nvesta l-vettura misjuqa mill-attrici fuq in-naha tal-bieba ta’ quddiem tax-xellug u bl-impatt, minhabba l-velocita’ li pproceda biex jaqsam l-istess triq principali, huwa dawwar il-vettura (BAG 143) misjuqa mill-attrici Miriam Fenech u kkagunalha hsarat estensivi fiha, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta’ l-istess kawza;

Illi minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, li gara unikament tort u htija tal-konvenut, l-atturi sofrew hsarat estensivi fil-vettura BAG143, waqt li l-attrici Miriam Fenech anke soffriet feriti personali li kkawzawlha danni kemm fil-kwalita’ ta’ danni emergenti u dawk fil-kwalita’ ta’ lucrum cessanti.

Talbu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali hawn fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-istess incident awtomobilistiku, liema danni jikkonsistu sewwa fil-hsarat fil-vettura BAG143, kif ukoll danni kkawzati lill-attrici Miriam Fenech minhabba l-feriti li sofriet, liema danni huma kemm fil-kwalita’ dannum emergens u dawk fil-kwalita’ ta’ lucrum cessanti;

3. tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2000 kontra l-istess konvenut u ohra tad-29 ta’ Settembru

2000 kontra s-socjeta’ assikuratrici ta’ l-istess konvenut u bl-ingunzjoni ta’ l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dikajrazzjoni guramentata ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-accident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament htija ta’ l-attrici Miriam Fenech u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Konsegwentement, il-konvenut m’ghandux jigi kkundannat ihallas d-danni allegatament sofferti mill-attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkunsidrat:

Il-kawza titratta incident awtomobilistiku li gara fil-hinjiiet bikrin tad-19 ta’ Frar 2000 bejn vettura misjuqa mill-attrici Miriam Fenech tal-marka Citroen Saxo, numru ta’ registrazzjoni BAG143, u vettura tal-marka Ford Escort, numru ta’ registrazzjoni KBB 343 misjuqa mill-konvenut. Il-provi juru inkontestabbilment li l-attrici kienet qeghdha titransita Triq ir-Repubblika fid-dritt sejra fid-direzzjoni ta’ l-Imgarr, waqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta’ Marsalforn fi Triq il-Kapuccini bl-intendiment li jaqsam Triq ir-Repubblika ghad-direzzjoni ta’ Pjazza San Frangisk.

Illi l-meritu kollu tal-kawza gie illum ristrett ghal-kwistjoni tar-responsabbilta’ ghall-kollizjoni, id-danni konsegwenti sofferti mill-atturi fil-vettura taghhom, il-likwidazzjoni ta’ l-istess u okkorrendo l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas. Dan jirrizulta ben car minn nota ta’ l-atturi folio 58. Isegwi logikament, ghalhekk li l-likwidazzjoni tad-danni konsegwenza l-incident awtomoboilistiku u l-kundanna ghall-hlas mill-konvenut, anke minhabba li m'hemm ebda kontro talba da parti tieghu, huma dipendenti u jistriehu unikament fuq min mill-kontendenti ghandu jakkolla r-responsabilita’ ghall-istess incident awtomobilistiku.

Issa dina l-kwistjoni tar-responsabbilita’ gia giet trattata u diskussa fil-foro kriminali u xejn ma jimporta li z-zewg azzjonijiet huma distinti u separati minn xulxin trattasi ta’ l-istess kollizzjoni u fattispecie; dana billi din il-kwistjoni ta’ responsabbilta’ tistrieh sostanzjalment, jekk mhux ukoll esklussivament, dwar liema miz-zewg toroq kienet dik principali. Il-Qorti qeghdha issostni fuq dan ghaliex l-incident gara proprju f’salib it-toroq ta’ dawn iz-zewg triqat.

Hawnhekk din il-Qorti taqbel perfettament ma’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali (sentenza folio 64 et seq), u qabilha l-Qorti ta’ Prim’Istanza, li t-triq principali, konsiderata t-topografija tat-triq fi zmien l-incident, kienet bla dubbju Triq ir-Repubblika. Konsegwentement, kien jinkombi fuq il-konvenut li jaghti d-dritta lill-vetturi li kienu jittransitaw Triq ir-Repubblika molto piu meta hu kien ser jaqsam l-imsemmija triq fil-wisa kollha taghha biex jidhol f’dik opposta li twassal ghall-Pjazza San Frangisk. Issa tant kemm il-konvenut kien indifferenti ghal dan il-fattur jixduh l-entita’ tad-danni sofferti fil-vettura ta’ l-attrici kif ukoll il-fatt li hu raha l-ewwel darba meta, kif ikkalkola hu, kienet fejn hemm il-posta u cio’ nonostante ddecieda li jista’ jaqsam il-korsija taghha impunement. Sufficjenti f’dan il-kuntest li jigi citat is-segwenti bran mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fejn intqal li “mill-iskizz esebit hareg car illi l-appellant (l-odjern konvenut) ma hax dawk il-prekawzjonijiet kollha li messu ha meta gie biex johrog minn Triq il-Kapuccini ghal fuq Triq ir-Repubblika. Mill-iskizz hareg car illi l-hsara fil-vettura ta’ l-appellant kienet

fuq il-faccata u l-mudguard ta’ quddiem tal-lemin. Min-naha l-ohra l-hsara fil-vettura BAG 143 misjuqa minn Miriam Fenech kienet fuq in-naha tax-xellug tal-karozza partikolarment fuq il-bieba ta' quddiem. Mid-dinamika ta' dawn id-daqqiet wiehed allura jista' jikkonkludi illi meta l-appellant bil-vettura KBB 343 sbokka ghal fuq Triq ir-Repubblika, il-vettura BAG 143 kienet diga’ vicin hafna tieghu u allura kellu jistenna sabiex l-istess karozza tghaddi u imbaghad tohrog”; fatt li din il-Qorti bla esitazzjoni ser tadotta ghaliex konfacenti mal-provi minnha mismugha.

Ikkunsidrat:

Illi stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilita jonqos li jigu likwidati favur l-atturi dawk id-danni li gew ikkagunati lill-vettura BAG143. Jirrizulta hawnhekk skond ix-xhud Tarcisio Mercieca, is-surveyor li ezamina z-zewg vetturi, li l-hsara fuq il-ettura BAG 143 kienet ta’ elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1700). L-istess xhud stqarr illi b’daqstant il-vettura ma kinitx “write off” u li l-persuna assikurata kienet qaltlu li xtaqet risarciment fi flus li allura jattalja ma’ dak li xehdet Miriam Fenech, li mistoqsija, jekk kinitx sewwiet il-hsara irrispondiet “le, il-karozza nehhejtha kif kienet”. Issa, li ma kienx ghal dak li jinsab imnizzel fis-survey report, dina l-Qorti kienet tillikwida d-danni xort’ohra in omagg tal-principju li hadd ma jista’ jarrikixxi ruhu indebitament izda fil-kaz in ezami jirrizulta mill-imsemmi survey report, li ma giex ikkontestat, li kien gie offrut bhala “cash settlement” l-ammont ta’ elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1700) li kien gie accettat.

Ghalhekk, tiddeciedi u taqta’ billi:

1. fil-waqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-tieni talba safejn diretta ghad-danni reklamati in linja ta’ danni emergenti u lukri cessanti konsegwenza feriti sofferti fil-persuna ta’ Miriam Fenech stante rinunzja mill-atturi;

2. tilqa’ l-kumplament tat-talbiet ta’ l-atturi u konsegwentement tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in meritu, tillikwida d-

danni fl-ammont ta’ elf u seba’ mitt lira Maltin (Lm1700) u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess danni bl-imghax dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi taz-zewg ittri ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2000 u 29 ta’ Settembru 2000 jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------